**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**0**

**Kumpilazzjoni Nru.: 6510/2025 RM**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-Vs-**

**FRANK STEFAN SIEGWARD WEDEL**

**Illum, 15 ta' Ġunju 2025**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **FRANK STEFAN SIEGWARD WEDEL**, ta' 62 sena, iben Franz Wedel u Lizzi Wedel, mwieled Schleusingen Germanja, minghajr indirizz fiss, detentur tal-passaport Germaniz numru L3PC5ZR6T akkużat talli ;

1. Talli bi traskuragni jew b'negligenza agixxa b'mod li setgha jipperikolha ingenju tal-ajru Km Malta Airlines jew kwalunkwe persuna abbord dak l-ingenju u cioe fuq KM307 u dan bi ksur ta' artikolu 50 tal-Kapitolu 641 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kont abbord ingenju tal-ajru KM Malta Airlines titjira KM307 li huwa reġistrat f'Malta gibt ruhek

b'mod intimidanti, abbuziv, ingurjuz jew dizonorat lejn membru tal-ekwipagg tal-ingenju tal-ajru u dan bi ksur ta' artikolu 52 (b) tal-Kapitolu 641 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kont abbord ingenju tal-ajru KM Malta Airlines titjira KM307 li huwa reġistrat f'Malta ma obdejtx l-ordnijiet legittimi kollha tal-kmandant tal-inġenju tal-ajru li huwa jagħti bil-għan li jassigura s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru, tal-persuni jew il-proprjetà abbord l-inġenju, jew is-sikurezza, l-effiċjenza jew ir-regolarità tan-navigazzjoni fl-ajru u dan bi ksur tal-Art 54 (1) tal-Kapitolu 641 tal-Ligijiet ta' Malta;.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ħebb kontra Karen Galea sabiex jinġurjah, idejjqu jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, u dan bi ksur tal-Artikolu Kap 9 Art 339 (d) tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess dati,hin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Karen Galea u ċioe' ferita ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. Thomas Degiorgio Reg. No: 4112. (Artikoli 214, 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;)

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat iwieġeb waqt l-eżami li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin sabiex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat id-dokumenti kollha miġjuba flimkien mal-akkużi;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bl-għajnuna ta' żewġ interpreti ġuramentati, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fuq kollox il-fatt illi r-reati seħħew abbord arjuplan li kien wasal biex jibda jiddekolla u l-fatt li l-komportament tal-imputat li ma obdiex l-ordnijiet lilu mogħtija, sfida lill-membru tal-ekwipaġġ u ġab ruħu b'mod aggressiv u abbużiv, seta' kellu konsegwenzi ferm iktar gravi sija għall-membru tal-ekwipaġġ li weġġgħet b'konsegwenza tal-aġir tiegħu u sija wkoll għall-passiġġieri tal-arjuplan b'mod ġenerali għaliex seta' jikkomprometti s-sigurta' tal-ajurplan u ta' kulħadd abbord. Hija tal-fehma illi l-fatt li passiġġier iġib ruħu b'mod aggressiv u vjolenti abbord ajruplan huwa diġa fih innifsu kundannabbli, m'għandux jiġi tollerat u jimmerita piena li jwassal messaġġ ta' deterrent. Tabilħaqq il-multa li l-leġislatur iddispona bħala piena għar-reati taħt l-Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru (Kapitolu 641), b'mod speċifiku reati li jikkonċernaw imġieba diżordinata u abbużiva

ta' passiġġier abbord ta' ajruplan - bħal dik murija mill-imputat - għandha parametri wesgħin ħafna biex il-Qorti tista' tikkalibraha skont iċ-ċirkostanzi tal-kondotta ħażina. Fil-każ in diżamina, l-aġir tal-imputat kien wieħed insubordinat u estrem għaliex aggredixxa wkoll lil membru tal-ekwipaġġ li weġġħet b'riżultat, u għalhekk il-Qorti ma tqisx li għandha tapplika l-multa fil-minimum. Qieset ukoll il-fatt illi l-kondotta ħażina tiegħu kien jikkonsisti mhux biss fir-rifjut li jilbes iċ-ċinturin tas-sigurta' iżda wkoll fir-rifjut separat li jibqa' bil-qiegħda f'mument kritiku u wkoll fil-fatt li ħebb għal membru tal-ekwipaġġ. Għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tapplika lanqas il-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni ħlief in kwantu l-imġieba aggressiva fil-konfront tal-membru tal-ekwipaġġ liema imġieba kkaġunat ukoll offiża volontarja fuq il-vittma.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad fis-sottomssjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiża dwar in-natura tal-offiża li ġarrbet il-membru tal-ekwipaġġ li kienet fil-mira tal-aġir insubordinat tal-imputat, fejn il-Qorti fehmet illi għalkemm il-vittma diġa' kellha punti f'rasha minħabba operazzjoni li saritilha fil-jiem qabel seħħ l-inċident in diżamina, b'riżultat tal-imbottatura tal-imputat, hija waqgħet u ħabtet rasha fil-parti fejn kellha l-istess punti u għalhekk għalkemm fiċ-ċertifikat mediku akkwiżit fl-atti proċesswali, ma ġew riskontrati ebda ġrieħi viżibbli fuq il-ġisem tal-vittma, il-Qorti ma tistax fiċ-ċirkostanzi tqis li l-effett tal-offiża, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira. Dan qed jingħad ukoll għaliex fiċ-ċertifikat mediku saret riżerva espresas dwar kumplikazzjonijiet mediċi li setgħu jinqalgħu, liema kumplikazzjonijiet il-Qorti fehmet li huma marbutin mad-daqqa fil-parti tar-ras li kien fiha l-punti friski. Għaldaqstant, m'hijiex sejra tqis l-offiża ħafifa bħala waħda li tirrientra fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 221(3) tal-Kap. 9, iżda bħala offiża ħafifa taħt l-artikolu 221(1) tal-istess Kap. 9 li għalih hemm piena wkoll ta' priġunerija, liema piena l-Qorti tqis li tkun waħda xierqa miżmum ferm iċ-ċirkostanzi <u>kollha</u> li fihom ġie kommess ir-reat.

Għal dan il-fini ħadet ukoll in konsiderazzjoni n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-imputat waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-fatt li minkejja li waqt it-trattazzjoni ġie

asserit li huwa jbati minn kundizzjoni medika li minħabba fiha jkollu bżonn jgħaddi l-awrina ta' spiss, jidher li ma kienx għarraf lill-ekwipaġġ b'dik il-kundizzjoni qabel tela' abbord l-arjuplan jew f'xi stadju wara, u lanqas ma għarraf b'dan lill-Pulizija waqt l-istqarrija tiegħu, fejn addirittura rrifjuta li jwieġeb meta ġie mistoqsi jekk ibatix minn xi kundizzjoni medika. Għalkemm l-imputat kellu dritt ta' silenzju assolut u r-rijfut tiegħu li jwieġeb għal xi domanda ma jistax jintuża kontrih bl-ebda mod jew joħloq xi inferenza ta' ħtija, il-Qorti ma tistax tirrimarka li jekk għal mument, kellha tagħti affidabbilita' lill-allegazzjoni tal-imputat li jbati minn kundizzjoni medika relevanti, kien f'kull każ doveruż fuqu, ġaladarba kien ser jivvjaġġa abbord inġenju tla-ajru, li jżomm fuqu dokument mediku li jissostanzja r-raġuni msemmija waqt it-trattazzjoni tal-avukat difensur, għall-imġieba tiegħu, iktar u iktar meta l-imputat stqarr li huwa tabib mediku. Lanqas ġie sottomess għall-attenzjoni tal-Qorti ir-riċetta medika għall-mediċina li jieħu l-imputat, liema ċertifikat kien inħareġ mit-tabib taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana li eżaminah wara li ġie arrestat.

Fl-istess waqt il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi waqt il-preżentata huwa esprima r-rimors tiegħu u skuża ruħu għall-imġieba tiegħu u għal dak li seħħ b'riżultat. Fir-rigward iżda, ma tistax ma tirrimarkax illi l-imputat għad illi ġie mistoqsi espressament waqt l-interrogazzjoni jekk jiddispjaċihx ta' egħmilu, ma kienx wieġeb.

Għalhekk, in vista ta' dan kollu, sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għall-piena ta' priġunerija għar-reat taħt l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9, kif ukoll il-multa għar-reati taħt l-Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 17, 214, 221(1) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 50, 52, 54, 94 u 95 tal-Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru, fuq ammissjoni ssib lil FRANK STEFAN SIEGWARD WEDEL ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah tliet (3) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma**

**tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat punibbli bil-priġunerija fi żmien sena, u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000).**

**Torbot ukoll lill-ħati, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax-il (12) xahar, li jżomm il-bon ordni pubbliku u ma jimmolestax lil Karen Galea.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem, ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali f'każ li jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikoli 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali.**

DR. RACHEL MONTEBELLO
MAĠISTRAT.